

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu preskritt, id-dispożizzjonijiet leġiżlativi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/35/KE, tas-26 ta' Mejju 2003, li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-Direttiva.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 95, 28.4.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-115/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/27/KE — Speċjalitajiet Farmaċewtiċi — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskritt)

(2007/C 283/07)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: B. Stromsky u M. Šimerdová, aġenti]

Konvenut: Ir-Repubblika Ċeka [rappreżentant: T. Boček, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/27/KE tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsmu ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 136, p. 34)

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu preskritt, id-dispożizzjonijiet leġiżlativi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/27/KE tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsmu ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Repubblika Ċeka naqset mill-obbligi imposti fuqha taħt l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Ċeka hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 95, 28.4.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-117/07) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/28/KE — Prinċipji u linji gwida dettaljati għall-prattika klinika tajba dwar prodotti mediċinali ta' stħarriġ li jintużaw mill-bniedem — Kriterji għall-awtorizzazzjoni għall-manifattura jew l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti mediċinali — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskritt)

(2007/C 283/08)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: B. Stromsky u M. Šimerdová, aġenti]

Konvenut: Ir-Repubblika Ċeka [rappreżentant: T. Boček, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jaddotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2005/28/KE tat-8 ta' April 2005, li tistabbilixxi l-prinċipji u l-linji gwida dettaljati għall-prattika klinika tajba dwar prodotti mediċinali ta' stħarriġ li jintużaw mill-bniedem, kif ukoll il-kriterji għall-awtorizzazzjoni għall-manifattura jew l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti (ĠU L 91, p. 13)